# Is-Sahriet ta' Santu Wistin.

## L-EWWEL LEJLA

### *IMĦABBA IBNIJA*

Missier tas-Sema, li minnek biss jiġi kull faraġ minnu, (1) ħenn għalija, ħenn għal ommi. X'nista' nagħtiha jiena biex inħallasha ta' kull ma għamlet għalija għajr biss ilfiq bla fejda? Int biss tista' tgħinha, int biss li għandek f'idejk l-erwieħ tal-ħajjin u tal-mejtin. Agħti s-serħ lil ruħha, agħti s-sliem lill-qaddejja tiegħek. Għaliha nitolbok bil-ħniena r-reħma tiegħek, għaliha nitlobhielek f'ġieħ dak id-demm li jista' kollox u li xerred għalina Ibnek il-maħbub. Inti taf illi fik kienet qiegħda tamitha kollha. Inti taf b'liema ħeġġa, ftit jiem qabel ma ħalliet did-dinja, hija talbitni sabiex, kull meta noffri l-vittma mqaddsa, niftakar fiha. Naf illi kemm damet ħajja hawnhekk f'did-dinja hija dejjem ġiebet f'sidirha mħabbtek il-għażiża. Naf illi l-għaxqa tagħha kienet dejjem il-liġi tiegħek bla tebgħa. Iżda hija kienet bint Adam, imlibbsa bil-laħam u mibtuna fid-dnub, u dan il-ħsieb waħdu jimlieni bil-biża' u l-ħaqq tiegħek ta' dejjem ikexkixni. Jiena ma nistax ingħid li, minn mindu hija twieldet mill-ġdid bl-ilma tas-saħħa, qatt ma ħarġitilha kelma waħda li iddejjaqlek qalbek. Quddiem il-għajnejn tiegħek m'huwiex safi lanqas is-sema. Kif mela jista' joħlom li jkun safi dan it-tajn maħmuġ? Ah! jekk mal-ħaqq tiegħek, o Alla, ma tidħolx għalina l-ħniena tiegħek, xi jkun qatt minn'na?

Għalhekk mingħajr ma nsemmi l-għamil tajjeb tal-qaddejja tiegħek, li għalih niżżik ħajr għax hu għati tiegħek, ħniena nitolbok għal dnubietha. Jekk hija qatt regħxitek, ja Mulej, ikollok ħniena minnha. Ħniena minnha,li minnek kienet imsejħa minn did-dinja. Taħfer dejjem kienet hija, u minn qalbha kienet taħfer, lil min ħata għaliha. Għalhekk kemm il-darba hija baqgħalha xi dejn mal-ħaqq tiegħek, taħfrilha tjubitek fuq il-qies ta' wiegħditek, u inti ilqa' l-prezz bla qies li l-Feddej imqaddes tagħna ħallas għaliha u li hija għamlet tagħha billi emmnet fik.

Iżda liema ħsieb ħelu qiegħed ikellem lil qalbi u minnha jbiegħed f'daqqa s-sħab iswed. Dawl għal għarrieda jidħol f'moħħi, ifarraġ il-ruħi, ikeċċi minnha l-biża'. Wara t-tempesta tal-ħsus imqallba nħossha daħlet fija, bħal qawsalla tas-sliem, it-tama latifa (2). O Alla tat-tieba, x'jista' jkun dan li hekk qe'd ibiddilni għajr biss ħarstek il-ħanina. Leħnek imqaddes nafu

(1) Minnu = veru.

(2) Latif = Nice, kind, gentle.

tajjeb jiena; huwa hu li qe'd ikellimni u jgħidli li ommi hija milqugħa fis-serħ ta' dejjem. O Alla ta' l-imħabba, li taf kemm hi kbira dgħufitna u xxerred bil-qalb fuq dan it-tajn tagħna t-teżori bla qies ta' tjubitek, jiena nagħirfek, jiena niżżik ħajr, jiena nadurak. Min qatt jista' jgħodd il-ħniniet tiegħek, min qatt huwa bħalek fit-taħfir? Jafu wisq tajjeb dan min issa msaffel u mħawwad hawn qiegħed quddiemek. Ejjew, immela, ja ħsus tiegħi ta' radd il-ħajr, ta' l-imħabba ta' l-indiema, tas-sogħba, il fuq mill-art. Dak li jistħoqqlu wisq aktar minn ommi qiegħed isejħilkom. M'għandhiex iżjed omm mejta u omm tad-dinja; m'għandhomx iżjed il-bċejjeċ maħlula ta' ġisimha jżommukom f'din id-dawra ċkejkna tad-dinja. Lejn is-sema, lejn is-sema fejn hu dak li tiegħu huwa kollox.

O Inti, li bla tqanqil fik in-nifsek tqanqal kollox, inti li l-kobor bla qies tal-wisgħa u taż-żmien fik in-nifsek tiġbor, inti li taħdar (3) ħdejja mingħajr ma narak, li bik nitgħaġġeb mingħajr ma nilmħek, li nħobbok mingħajr ma nifhmek, li nadurak mingħajr ma tidher, bla ħliq, bla tarf, bla qies, bla żmien, arani ndur lejk, ja missier, ja Alla tiegħi. Inti l-għajn ta' kewni (4) u l-baħar fejn hu jixħetni. Inti li kollox ħlaqt bil-għerf tiegħek ħlaqt lili wkoll u għalik biss. U b'kemm il-leħen għoġbok issejjaħli! Il-firxa bla qies tal-ħlejjaq tiegħek li nara quddiemi, is-sbuħijiet li huma mxerrdin kullimkien madwari, ħabbruli l-kobor tiegħek, is-sbuħija tiegħek bla tarf. Il-għatjiet li inti xerridt fuqi ma' tul il-jiem kollha kienuli kull waħda bħal rahan ta' tjubitek, ta' mħabbtek. Is-setgħat ta' ruħi, il-ġibdiet ta' qalbi kienu ġwienaħ li bihom nitla' sa ħdejk. Dan it-tijatru ta' sebħek kien jamarli biex inħobbok u nadurak, biex inqimek u nweġġħek u nemmen fik. Iżda jiena biex ma natikx dan il-faraġ, li lilek biss jistħoqq, sirt bħal bhima, b'ruħ għamja u truxa. Mis-sena sittax ta' għomri (biex ma nsemmix dak il-għelt ta' qabel li tiegħu kont ħati), mis-sena sittax ta' għomri m'għextx iżjed għalik, iżda għall-gideb, għad-dnub, għall-ħtija. Lilhom għamilt bħal allat tiegħi, għalihom ittaħħatt biex naqdihom. Għal ta' xejn kienet issejjaħli l-liġi tiegħek ta' dejjem, li inti ktibt f'qalbi; għal ta' xejn kienet issejjaħli l-kelma qaddisa tiegħek; bla fejda kien it-tehdid li kont tagħmilli b'leħnek ġewwa ruħi u li bih kont tqanqalni. Il-pjaċir siefel kien l-alla tiegħi. Jiena ma kontx nagħirfek iżjed; il-pjaċir siefel kien rikibni għal kollox. Oh Alla! Jiena niftakru u madankollu għadni ngħix.

K. F.

(3) Hadar = to be present.

(4) Kewn = (minn *kien*) existence.